**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum is-27 ta' Ġunju, 2024**

**Rikors numru: BCT/05/2024 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Franz Wirth**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant innifsu fejn permezz tiegħu huwa ppremetta u talab is-segwenti:

> *For the attention of the Chairman of the Board of Appeal*
>
> *As per Article 44 of Chapter 623 of the Laws of Malta, I would like to submit / apply for the following appeal Form of appeal*
>
> *(1) The appeal shall be in a form of an application, and shall:*
>
> *(a) make reference to the Authority's decision appealed from, and a copy thereof;*
>
> *Kindly refer to the attached document*

*(b) distinctly state the heads of the decision complained of under different headings, together with reasons under each heading for which the appeal is entered;*

*Copy of email sent on 22nd January 2024*

*Good evening Mr. (Sandro) Faure*

*I trust that you are keeping well*

*With reference to the email below, I would like to lodge an appeal*

*As you are aware, your colleague Jake and yourself called at my premises in H'Attard on Sunday, 7th January 2024, late afternoon*

*Jake asked me whether my surname was Sciberras and whether the number of the property was - I cannot recall the number / s, to which I replied that my surname was Wirth and the premises was 28, Triq San Duminku. He then quickly checked whether there was a PA permit covering the works at the same place and he traced PA No. 2053 / 22*

*Having said that, works were being carried out within the latter property but these were not causing any disturbance of note since tile-layers were working 'quietly' on the first floor. It would be pertinent to note that neighbours weren't affected since the house on one side of this property actually belongs to me as well and the property on the other side is unoccupied*

*As instructed there and then, the works were halted and we were informed that if the transgression repeats itself, I would be fined. Rest assured that no works on Sundays were ever carried out since then*

*As a final note, I would like to draw your attention to the fact that works were actually being carried out in a nearby premises and the details that Jake asked me about are likely to pertain to that property. The chances are that the person reporting this offence was referring to that and not to mine*

*In view of all the above, and this being the first offence, I would kindly ask you*

*for some leniency and to waive this exhorbitant fine I look forward to receiving a*

*positive reply*

*(c) state specifically the manner in which it is desired that the decision be varied under each heading;*

*Please refer to (c) above - In view of all the above, and this being the first offence, I would kindly ask you for some leniency and to waive this exhorbitant fine*

*(d) include all documentation which is relevant for the grounds of appeal;*

*Please refer to (a) above - Kindly refer to the attached document*

*and (e) be accompanied with the payment of the appeal fee as may be prescribed by regulations made under this Act.*

*Not applicable*

*(2) Notice of such an application shall be served on the Chairperson of the Board who, in turn, shall be entitled to file a written reply not later than ten (10) days before the date of the first hearing.*

*I kindly request a confirmation that the above format of the requested appeal application is acceptable and I now look forward to receiving a positive reply to my appeal*

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

*1. Illi preliminarjament skont l-artikolu 6 tal-Kap. 189, kif magħdud mal-Kap. 490, l-appell intavolat kellu jkun kollu bil-lingwa Maltija stante li ma hemm l-ebda ordni jew raġuni legali sabiex l-lingwa tkun dik Ingliża kwindi tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;*

*2. Illi preliminarjament l-esponenti Awtorità qegħda tissolleva l-fatt li tali appell ma jikkonformax mad-detti tal-artikolu 44 tal-Kap. 623*

*stante li l-appell ma kienx akkumpanjat ma kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorità, kwindi tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;*

*3. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għal dak sottomess preliminarjament, ilil hekk jinstema mil-video annessa u mmarkat bhala Dok A, jidher car li sar xoghol ta' kostruzzjoni;*

*5. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024 l-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell huwa dwar multa imposta mill-Awtorita' intimata in segwitu ta' xogħlijiet li saru fil-ġurnata tal-Ħadd u ċioe nhar is-7 ta' Jannar, 2024.

L-Awtorita' tqajjem żewġ eċċezzjonijiet preliminari.

Fl-**ewwel eċċezzjoni preliminari** ġie eċċepit li r-rikors kellu jkun intavolat bil-lingwa Maltija, *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Kap. 189 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal ma jqiesx it-tali artikolu bħala rilevanti għall-funzjonijiet tat-Tribunal kif stabbilit, kif diga stqarr diversi drabi ohra u għaldaqstant ser jgħaddi sabiex jiċħad l-ewwel eċċezzjoni imqajjma mill-Awtorità appellata.

**It-tieni eċċezzjoni preliminari** tirrigwarda n-nuqqas ta' konformita tar-rikors t'appell mad-dettami tal-liġi u dan in kwantu li huwa nieqes minn kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorita' li hija soġġetta għall-appell u kwindi intalbet in-nullita' tal-istess rikors. Dan it-Tribunal diġa esprima ruħu f'deċiżjonijiet preċedenti dwar dan in-nuqqas. Filwaqt li t-Tribunal jisħaq u jesiġi fuq l-importanza li kull element ta' artikolu 44 tal-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi rispettat, dan it-Tribunal ipoġġi s-sustanza fuq kwalunkwe formalitajiet. It-Tribunal iqis ukoll li dan in-nuqqas ġie sanat bil-preżentata tal-avviż u għaldaqstant ma jarax li dan għandu jwassal

għan-nullita tar-rikors promotur. Għaldaqstant qed jiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' intimata.

It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jesprimi ruħu rigward il-mertu tal-kwistjoni. It-Tribunal sema' x-xhieda tal-appellant innifsu, Franz Wirth u kif ukoll ix-xhieda tal-uffiċjal tal-Awtorita' intimata li kien inkarigat mill-każ in kwistjoni. L-Awtorita' preżentat ukoll *video* bħala parti mill-provi tagħha.

L-appellant jgħid li huwa kien preżenti dakinhar tas-7 ta' Jannar, 2024. Huwa jgħid li dakinhar kien qiegħed isir xi tqegħid ta' madum u x-xogħol kollu anċillarju għall-istess.

Sandro Faure ukoll xehed u hu stqarr li meta marru fuq is-sit huma sabu lill-appellant u ħaddiem li kien qiegħed jagħmel xogħol relatat ma' tqegħid ta' madum, inkluż it-taħlit tas-siment. Hu jgħid li l-ħsejjes kienu jinstemgħu minn barra s-sit in kwistjoni u in sostenn ta' dan ġie preżentat video.

It-Tribunal iqis li hemm qbil dwar it-tip ta' xogħlijiet li kienu għaddejin u l-appellant ma ċaħad fl-ebda punt, la dak li intqal minn Sandro Faure u lanqas dak li ġie muri fil-video in kwistjoni.

Fid-dawl ta' dan, il-materja li għandu jiddeċiedi dwarha dan it-Tribunal huwa jekk ix-xogħlijiet ta' tqegħid ta' madum u użu ta' għodda sabiex jitħallas is-siment humiex meqjusa bħala xogħlijiet li huma projbiti milli jsiru fi Ħdud jew festi pubbliċi *ai termini* tal-liġi. It-Tribunal iqis li minkejja li fl-avviż tal-penali amministrattiva ġie identifikat bħala projbit "Xogħlijiet fil-Ħdud jew Festi Pubbliċi", kwalunkwe bażi għal tali penali għandha tkun il-liġi. Il-liġi applikabbli f'dan is-sens huwa l-Avviż Legali 340 tal-2022 li ma jiprojbixxix kwalunkwe xogħlijiet milli jsiru iżda jillimita dan għal "xogħlijiet ta' kostruzzjoni". Kostruzzjoni huwa definit bl-att prinċipali, l-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"kostruzzjoni" tfisser kwalunkwe att jew operazzjoni ta' inġinerija meħtieġa għal jew relatata mat-titjib tas-sit, it-tlugħ, l-estensjoni, it-tibdil, it-tiswija ta' bini jew struttura u "mibnija" għandha tinftiehem f'dan is-sens;*

It-Tribunal iqis li l-liġi hija ċara f'dak li għandu jkun projbit fi Ħdud u festi pubbliċi. Dak li kien qiegħed isir fil-każ in kwistjoni ma huwiex meqjus bħala operazzjoni ta' inġinerija li

għandu l-iskop identifikat fl-istess definizzjoni. Minflok, jaqa' aktar taħt "xogħlijiet ta' finitura" li l-liġi tidefinixxi bħala:

*"xogħlijiet ta' finitura" tinkludi kull xogħol imwaħħal fi jew ma' bini biex tali bini jkun tajjeb għall-użu maħsub inkluża kull miżura kontinġenti meħtieġa biex jitwettqu tali xogħlijiet, iżda teskludi d-demolizzjoni, l-iskavar, il-kostruzzjoni u servizzi ta' bini;*

Xogħlijiet ta' finitura ma huwiex meqjus bħala projbit li jsir fi Ħdud jew festi pubbliċi. It-Tribunal iħoss li minkejja l-intenzjoni tal-leġislatur, l-għodda li jrid jaħdem biha dan it-Tribunal hija l-liġi kif espressa.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' l-appell ta' Franz Wirth u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata li permezz tagħha imponiet il-penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500).

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jilqa' l-appell u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata fil-konfront tal-appellant Franz Wirth datata it-8 ta' Jannar, 2024.

**********************VERA KOPJA TA L-ORIĠINAL**********************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| **Chairperson** | **Membru** | **Membru** |